# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 9/2023 BS**

**Eucharistic Sultana; Mary Buhagiar nee' Borg; Anthony sive Tony Borg; Rita Spiteri nee' Sultana; Francis Sultana; Carmelo Sultana; Tarcisio Sultana; Martin Attard; Professur Joseph Sultana; Angela Vella nee' Sultana; Coronata Sultana nee' Portelli; Miriam Ciliberti nee' Sultana; Joseph Sultana; Joseph Grech; Maria Grima nee' Grech; Maria Antonia sive Antonia Vassallo nee' Grech; Victoria Theuma sive Teuma nee' Grech; Jason Tabone; Christopher Tabone; Jahel Attard nee' Tabone; Victoria Grech nee' Zammit; Bernard Zammit; Joseph Zammit; Mary Ann Farrugia nee' Zammit; Agnes Victoria Grech nee' Sultana; Rita Mary Refalo nee' Sultana; Francesca Marija Vella nee' Sultana; Pio Eugenio Sultana; Joseph Sultana; Mark Victor Spiteri; Patrick Spiteri; Margaret Spiteri; Philip Spiteri; Maria Spiteri; Karol Spiteri; Marija Zammit; Josephine Camilleri nee' Zammit; Lewis Zammit; Tarcisio Zammit; Rita Zammit nee' Sultana; Victor Attard; Martin Attard; Francis Attard; Anthony Attard; Maria Attard; Natalina Attard nee' Attard; Daniel Attard; Karen Attard; il-Perit Victor Bigeni; Maryanne Mercieca; Lorenza Bigeni; Pinu Bigeni; Rita Vella; Paul Renato Bigeni; Maria Bigeni; Arthur Bigeni; Denise Bigeni; Ritianne sive Rita-Anna Bigeni; Fortunata Pisani nee' Portelli; Victoria sive Vicky**

**Vella nee' Portelli; Maria Concetta sive Concetta Piscopo; Carmen sive Carmena Cassar; George Portelli; Reverend Father Marcell Portelli; Maria Zammit nee' Portelli; Angela sive Gina Sultana nee' Portelli bħala mandatarja ta' Charles Sultana, Josephine Sturnieks nee' Sultana, u Mary Xuereb nee' Sultana aħwa Sultana**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Deborah Camilleri li b'digriet tas-17 ta' April 2023 ġiet nominata kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Louis Sultana, George Sultana u Philip Sultana sive Pinu Sultana aħwa Sultana; u Lewis sive Luigi sivi Wiġi Sultana**

**Il-Qorti;**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi illi ppremettew:**

1. *"Illi dan ir-rikors odjern jirrigwarda l-proprjetà segwenti:*
   *Porzjon art magħrufa bħala "Tal-Warda" fil-limiti ta' Santa Luċija, Kerċem, bil-kejl ta' madwar elf u erbgħa u sittin metri kwadri (1,064m.k.) konfinanti mil-lvant u nofsinhar ma' beni tal-werrieta ta' Concetta Portelli u punent ma' beni tal-werrieta ta' Antonio Zammit, bid-drittijiet u l-pertinenzi libera u franka u murija bil-kulur aħmar u numru għaxra (10) fuq il-pjanta hawn annessa bħala Dokument "A";u*
   *Porzjoni art oħra magħrufa bħala "Tal-Warda" fil-limiti ta' Santa Luċija, Kerċem, tal-kejl ta' ċirka seba' mija u erbgħin metri kwadri (470m.k.) konfinanti mill-punent ma' beni tal-werrieta ta' Piju Zammit, tramuntana in parti ma' beni tal-familja Attard u in parti mal-eredi ta' Concetta Portelli u min-nofsinhar ma' beni tal-familja Zammit, bid-drittijiet u l-pertinenzi tagħha kollha, murija aħjar bil-kulur aħdar u numru disgħa (9) fuq il-pjanta Dokument A;*
   *Inkluż kull dritt ta' komunjoni jew servitu fuq il-porzjon raba li fuq dik l-istess pjanta Dokument "A" hija mmarkata bil-kulur blu.*

2. *Illi din il-proprjetà kienet oriġinarjament tappartjeni lill-konjuġi Francesco u Maria Zammit.*

3. *Is-suċċessjoni tal-konjuġi Zammit ddevolviet skont kif indikat aħjar fuq l-arblu tar-razza hawn anness bħala dokument "B" li wkoll qiegħed jiġi kkonfermat bil-ġurament mill-esponenti;*

4. *Illi għalhekk il-kwoti rispettivament spettanti lill-eredi tagħhom huma dawk indikati aħjar fuq il-lista hawn annessa u mmarkata bħala Dokument "Ċ", ukoll ikkonfermata bil-ġurament;*

5. *L-esponenti kollha sabu l-bejgħ ta' din il-proprjetà u effettivament diġà daħlu f'konvenju, tal-wieħed u għoxirn (21) ta' Ġunju elfejn u tnejn u għoxrin (2022) li permezz tiegħu huma intrabtu li jbiegħu s-sehem rispettiv tagħhom lill Bertrand Borg u dan bil-prezz ibbażat fuq valur ta' sitta u tletin elf mija u għaxar euro u ħdax-il ċenteżmu (€36,110.81) għall-intier. Dan il-konvenju ġie debtiament irreġistrat mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni bir-referenza POS202208198;*

6. *Illi fuq dak il-konvenju hemm indikat li l-intimati kienu qegħdin jaderixxu għal dak il-konvenju u fuqu kienu qegħdin jiġi rappreżentati rispettivament minn* ***Joseph Sultana****, u* ***Tarcisio Sultana,*** *għaliex effettivament kienu iddikjaraw li kienu ser jirrilaxxjaw prokura lil dawn il-persuni sabiex dawn ikunu jistgħu jirratifikaw dak il-konvenju u jiffirmaw il-kuntratt ta' bejgħ għaliex kienu kuntenti bil-prezz. Madankollu huma baqgħu qatt ma irrilaxxjaw prokura valida lil xi ħadd biex jirrapżentahom fuq il-kuntratt in eżekuzzjoni ta' dak il-konvenju u fin-nuqqas ta' awtorizzazzjoni formali ma jistax jitqies li dak il-konvenju kien ġie ffirmat minnhhom. Dan kien dovut għall-fatt li , fir-rigward tal-aħwa Louis, George u Philip sive Pinu Sultana, l-ispejjeż li huma ser jinkorru sabiex jirrilaxxjaw prokura apostilled ser teċċedi l-valur ta' sehemhom mill-proprjetà in vendita mentri Lewis sive Luigi sive Wiġi Sultana jbati minn senile dementia u għalhekk ma jistax jiffirma prokura iktar u iktar jagħti l-kunsens tiegħu għall-bejgħ propost;*

7. *Illi għaldaqstant għandu neċessarjament jitqies li dan l-erba' intimati ma hmiex qegħdin jaderixxi għall-proposta li tinbiegħ din il-proprjetà;*

8. *Illi l-esponenti jemmnu li l-prezz pattwit fl-imsemmi konvenju huwa wieħed vantaġġjuż ikkunsidrat il-kejl ta' din il-proprjetà, u l-intimati kienu qablu ma' dan l-istess prezz kif jidher mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet; u kien biss minħabba ċ-ċirkustanzi indikati hawn fuq li huma ma bagħtux il-prokuri formali sabiex il-bejgħ jkun jista' jsir kif ukoll fid-dawl tal-fatt li s-sehem komplessiv spettanti lill-intimati huwa ta' .014286*

*(b'mod li sehemhom komplessiv mill-prezz huwa ta' €515.88 – ħames mija u ħmistax-il euro u tmenin ċenteżmu);*

9. *Illi barra minn hekk, sabiex in-Nutar Maria Vella Magro tkun tista' tippubblika l-kuntratt ta' bejgħ in osservanza mad-dettami tal-Financial Investments Analysis Unit u mal-liġijiet kontra l-money laundering, hija tixtieq li l-kuratur deputat nominat biex jidher għall-evntwali kontumaċi fuq dan l-istess att ikun jista' jimla l-formoli neċessajri f'isem il-persuni rappreżentati minnu, ibbażat biss fuq l-informazzjoni li tiġi mgħoddija lilu mill-ko-vendituri l-oħra;"*

**Talbu lil Din l-Onorabbli Qorti:**

(1) *"tiddikjara li l-prezz kif ukoll il-kundizzjonijiet proposti għall-bejħ ta' sehem ir-rikorrenti kollha favur Bertrand Gatt mill-immobbli hawn fuq deskritt huwa ġust u xieraw u li l-istess prezz u kundizzjonijiet għandhom japplikaw għall-bejgħ illi spettanti lill-intimati minn dan l-istess fond;*

(2) *tapprova l-bejgħ propost, u tordna l-pubblikazzjoni tal-att ta' bejgħ anke għal dak illi jirrigwarda l-kwota spettanti lill-intimati, f'jum, ħin u lok illi jiġu ghalhekk iffissati u taħtar lin-Nutar Dottor Maria Vella Magro sabiex tippubblika l-att ta' bejgħ opportun, bl-intervent ta' kuratur deputat sabiex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċi fuq dak l-att, b'dan li l-istess kuratur deputat ikun jista' jimla l-formoli neċessarji f'isem il-persuni rappreżentati minnu, ibbażat biss fuq l-informazzjoni li tġi mgħoddija lilu mill-ko-vendituri l-oħra."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Deborah Camilleri fil-vesti tagħha ta' kuratur deputat sabiex tirrappreżenta lill-imsefrin Louis Sultana, George Sultana, Philip Sultana sive Pinu Sultana aħwa Sultana u Lewis sive Luigi sive Wiġi Sultana illi eċċepiet:**

i. *"Illi preliminarjament trid tigi stabbilita l-konsistenza tal-kwoti u tal-persuni li ghandhom sehem mill-propjeta mertu tal-kawza, kif ukoll li l-valur attribwit lil istess proprjeta huwa gust, reali u li jirrifletti l-prezzijiet tas-suq odjern u dan sabiex din l-Onorabbli Qorti tkun tista' tiddeċiedi jekk hijiex sodisfatta illi l-kompropjetarju dissidenti ma huwiex ser ikun gravement pregudikat b'dan il-bejgh;*

ii. *Illi l-esponenti qed toggezzjona ghat-talba tal-atturi sabiex hija tima l-formoli necessarji, senjatament tal-money Laudering u tal-Financial Investments Analysis Unit a bazi tal-informazzjoni moghtija minn ko-vendituri ohra u jitlob minflok li hija tigi ezentata sabiex timla tali formoli.*

iii. *Illi l-esponenti mhix edotta mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u ghaldaqstant ma hijiex f'posizzjoni li tissolleva l-eccezzjonijiet kollha applikabbli skond il-Liġi. Ghalhekk filwaqt li tirrimetti ruhha ghall-provi migjuba, hija qeghda tirriserva illi tipprezenta risposta guramentat ulterjuri jekk u meta hija tkun fil-pussess tal-informazzjoni kollha mertu tal-kaz.*

iv. *Salvi u impreduikati eccezzjonijiet ulterjuri fid-drit u fil-fatt."*

**Rat** l-arblu tar-razza u l-prospett ta l-ismha tal-partijiet mill-art in vendita.[1]

**Rat** il-konvenju tat-22 ta Gunju, 2022.[2]

**Rat** ir-ricevuta tar-registrazzjoni tal-konvenju datata 15 ta Lulju, 2022.[3]

**Rat** il-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet rigward il-bejgh ta' l-art.[4]

**Rat** li fis-17 ta April, 2023 giet mahtura Dr Deborah Camilleri bhala kuratur deputat biex tirrapprezenta lill-konvenuti imsiefrin.[5]

**Rat** il-publikazzjoni li saret fil-gazzetta tal-Gvern tad-9 ta Mejju, 2023.[6]

**Rat** li fis-seduta ta' l-14 ta Gunju, 2023 l-abbli difensur ta' l-atturi irtira t-talba tieghu sabiex il-kuratur deputat ikun jista jimla l-formoli rikjesti mill-*Financial Intelligence Analysis Unit* relattivi ghal konvenuti assenti.[7]

---

[1] A fol 7 tal-process
[2] A fol 8 tal-process
[3] A fol 24 tal-process
[4] A fol 27 sa fol 46 tal-process
[5] A fol 52 tal-process
[6] A fol 65 tal-process.
[7] A fol 79 tal-process

**Rat** in-nota ta' l-atturi u l-kommunikazzjoni mibghuta mill-konvenuti assenti rigward in-nomina ta perit arkitett.[8]

**Rat** li fis-seduta tat-22 ta Novembru, 2023 il-partijiet entrambi iddikjaraw illi l-kawza tista tigi differita ghas-sentenza minghajr il-htiega ta li jigu pprezentati noti ta sottomissjonijiet.

**Rat** li fis-6 ta Dicmebru, 2023 l-Qorti issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza billi mill-atti ma kienx jirrizulta li saret il-publikazzjoni tar-rikors promotur f'gazzetta ta kuljum.[9]

**Rat** li fl-14 ta Dicembru, 2023 l-atturi ipprezentaw kopja ta l-avviz li gie ppublikat f'gazzetta ta kuljum.

**Rat** li b'digriet tat-30 ta Novembru, 2023 l-kawza giet differita ghas-sentenza tal-lum.[10]

**Ikkunsidrat.**

Permezz ta din il-kawza l-atturi qed jitlobu l-Qorti sabiex tawtorizza il-bejgh ta zewg porzjonijiet art maghrufa bhala "Tal-Warda", wahda tal-kejl ta 1064m.k u l-ohra ta 740m.k, bl-ewwel wahda murija bil-kulur ahmar u numru 10 u l-ohra murija bil-kulur ahdar u numru 9 fuq il-pjanta Dokument A, bid-dritt ta komunjoni jew servitu mmarkata bil-kulur blu.

---

[8] Ipprezentata fit-22 ta Novembru, 2023
[9] A fol 101 tal-process
[10] A fol 100 tal-process

Wara li gew ippublikati s-soliti bandi u saru d-debiti publikazzjonijiet giet nominata Dr Deborah Camilleri bhala kuratur deputat sabiex tirrapprezenta lill-kuraturi assenti. Din il-kuratur ipprezentat ir-risposta taghha.

Fil-konfront ta l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur deputat, il-Qorti tinnota li l-atturi ipprezentaw arblu tar-razza bl-ismha rispettivi ta kull parti. Tinnota wkoll li mill-korrispondenza esebita miz-zewg nahat jirrizulta car illi l-konvenuti iddikjaraw li ma ghandux jkun hemm perit mahtur mill-Qorti biex jistabbilixxi il-prezz fis-suq tal-propjeta in vendita kif ukoll li huma qed jaqblu mall-prezz imsemmi fil-konvenju. Fid-dawl ta dawn id-dikjarazzjonijiet da parti tal-konvenuti assenti l-Qorti tqis li l-ewwel eccezzjoni taghhom hija ghalhekk ezawrita u ser tkun qed tastjeni milli tiehu konjizzjonji ulterjuri taghha.

Fil-konfront tat-tieni eccezzjoni l-Qorti ser tkun qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha u dan in vista tad-dikjarazzjoni li saret seduta stante mill-abbli difensur ta l-atturi fis-seduta ta' l-14 ta Gunju, 2023[11] meta t-talba li a bazi taghha saret din it-tieni eccezzjoni giet irtirata mill-atturi.

**Ikkunsidrat.**

L-atturi kopropjetarji odjerni għażlu speċifikatament li jibnu din il-kawża fuq id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 495A tal-Kodiċi Ċivili. Dan l-artikolu jipprezenta deroga għad-dritt ta' komproprjetarju fil-minoranza li jkun qed jopponi l-bejgħ ta' proprjeta` waħda in komunjoni ma' oħrajn, inkluż sehmu anki jekk tifforma parti minn eredita` indiviza.

[11] A fol 79 tal-process

Billi tali azzjoni hija ta' natura eċċezzjonali, għandha tigi eżerċitata biss fil-parametri akkordati mill-istess artikolu. Skond id-disposizzjoni msemmija, il-prerekwiżiti għal din l-azzjoni huma s-segwenti:

1. Il-haga tkun mizmuma in komunjoni bejn il-partijiet kollha fil-kawza għal aktar minn tlett snin.

2. Ma jkunx hemm l-ebda azzjoni għall-qsim tal-propjeta in komun.

3. Irid jkun hemm nuqqas ta' ftehim bejn il-komproprjetarji kollha dwar il-bejgħ tal-propjeta` mertu tal-kawza.

4. Ir-rieda tal-maġġoranza tal-komproprjetarji fil-qies tal-valur tal-ishma li jsir il-bejgħ tal-istess proprjeta.

5. In-nuqqas ta' preġudizzju gravi tal-komproprjetarji li qed joggezzjonaw jekk il-bejgħ tal-proprjeta` ssir bil-kondizzjonijiet u pattijiet proposti mill-maggoranza tal-komproprjetarji;

F'din il-proċedura, il-Qorti tingħata s-setgħa li tawtorizża il-bejgħ u trasferiment, minkejja li ma jkunx ingħata l-kunsens mill-kompropjetarju dissident, pero dan diment li bil-bejgħ jew trasferiment ma tkunx se' ssir ħsara lill-interessi tad-dissident.

Irid jinghad ukoll li l-liġi trid li l-partijiet li jistgħu jibbenefikaw minn din il-proċedura speċjali jkunu sidien u mhux biss werrieta komuni. Barra minn hekk il-mira ta din it-tip ta azzjoni huwa li ma jintilifx ċans ta' bejgħ vantaġġjuż tal-istess proprjeta fl-interita` tagħha a

skapitu ta' proprjetarju wieħed jew iżjed in komun mal-oħrajn u li ma għandhomx il-maġġoranza tal-ishma.

Ma mhux mehtieg illi l-atturi jkunu dahlu f'konvenju max-xerrej prospettiv. Irid jigi enfasizzat li fil-kaz li jkun sar konvenju, dan ma jaghti ebda dritt lix-xerrej prospettiv fuq l-ismha tal-kompropjetarji dissidenti. Jekk xejn sta ghal Qorti li tiddeciedi jekk il-bejgh prospettat hux ser jirreka pregudizzju gravi lil minoranza.

Intant l-Artikolu 495A (2) tal-Kap 16 jipprovdi s -segwenti :

*"(2) It-talba lill-qorti għandha ssir permezz ta' rikors li miegħu jkun hemm annessa dikjarazzjoni tas-sidien fejn jaqblu li jsir il-bejgħ kif ukoll prospett li jkun juri l-għadd u l-valur tal-ishma li kull wieħed minnhom ikollu kif ukoll il-pattijiet u l-kondizzjonijietli taħthom ikun ser isir il-bejgħ. Fir-rikors għandha tiġi indikata wkoll id-data meta l-ħwejjeġ ikunu ġew in komun u ċ-ċirkostanzi relattivi.*

*(3) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-komproprjetarji kollha li ma jkunux jaqblu mal-bejgħ kif ukoll lill-kuraturi li jiġu maħtura mill-qorti biex jirrappreżentaw lil min mill-komproprjetarji ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab. Ir-reġistratur għandu jara li kopja tar-rikors tiġi pubblikata fil-Gazzetta u f'ġurnal wieħed ta' kuljum.*

*(4) Dikjarazzjoni li xi komproprjetarju minnhom ma jkunx magħruf jew ma jkunx jista' jinstab għandha tiġi konfermata bil-ġurament minn wieħed mir-rikorrenti"*

Il-Qorti fliet id-dokumenti annessi mar-rikors promotur. Tinnota li r-rikors gie pprezentat u mahluf mill-attrici Margaret Spiteri. Rat ukoll li gie pprezentat l-arblu tar-razza kif ukoll il-prospett li juri l-ismha tal-partijiet mill-fond in kwistjoni. Rat ukoll il-wieghda tal-bejgh fejn il-prezz huwa indikat li huwa ta €36,110.81. Fliet ukoll il-kundizzjonijiet fl-istess wieghda.

Irid jinghad illi "*Il-liġi titlob li, fil-qies ta' preġudizzju bħal dak, il-Qorti għandha tiżen kull fattur rilevanti magħdud il-valur tal-proprjeta' u l-prezz tal-bejgħ. Minn kliem il-liġi, allura, joħroġ ċar li l-prezz li jkun miftiehem huwa biss waħda minn għadd ta' ċirkostanzi li Qorti tista' tqis biex tara jekk il-parti intimata hijiex jew le se ġġarrab preġudizzju li kieku l-bejgħ awtorizżat ikollu jsir. X'aktarx li, minħabba n-natura partikolari tal-proċedura taħt l-artikolu 495A, il-prezz miftiehem ikun l-aktar kwestjoni li tnissel in-nuqqas ta' qbil bejn il-komproprjetarji: imma l-prezz mhuwiex il-kejl waħdieni li l-liġi tirreferi għalih, għaliex kieku l-kliem tal-liġi kien ikun mod ieħor.*

*Kemm hu hekk, jidher li l-Qrati qiesu bħala preġudizzju gravi kundizzjonijiet f'konvenju li kienu jwarrbu l-għoti tal-garanzija tal-paċifiku pussess jew l-għoti ta' garanzija li l-ġid għandu l-permessi kollha tal-bini meta dan ma kienx il-każ;*

*Illi għar-rigward tal-preġudizzju serju jew gravi minħabba l-bejgħ li jkun se jsir, dan irid ikun ta' sura tali li jkun manifestament inikwu għall-parti mġarrba. Madankollu, biex Qorti tiddeċiedi jekk tilqax jew le talba għall-bejgħ ma huwiex biżżejjed li l-parti intimata tressaq stejjem li juru differenza fil-valur tal-proprjeta' fejn id-differenza fil-valur bejn il-prezz miftiehem u l-valur fl-istima tkun relattivament żgħira. Kif ingħad, l-iskop tal-artikolu 495A mhuwiex biex jiġi assigurat bi preċiżjoni l-valur tal-proprjeta' fis-suq, imma li tara li l-bejgħ isir bi prezz xieraq li ma jġib ħsara lill-ebda proprjetarju;*"[12]

Kif gia inghad mill-atti jirrizulta li l-konvenuti ma humiex qed joggezzjonaw ghal-bejgh bil-prezz u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-konvenju[13] u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tilqa t-talba.

**Decide**

---

[12] Helen Zammit et v. Madeleine Muscat, Appell, deciza 5 ta Ottubru, 2018.

[13] A fol 98 tal-process

Ghaldaqstant in vista tal-premess u l-motivi gia espressi l-Qorti qed taqta′ u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta l-ewwel u t-tieni eccezzjoni u dan ghar-ragunijiet gia moghtija, tiddisponi mill-bqija ta′ l-eċċezzjonijiet l-ohra konformement ma′ dak hawn deċiż u:-

1. Tilqa l-ewwel talba;

2. Tilqa t-tieni talba u filwaqt li tapporva il-bejgh propost, tordna il-publikazzjoni ta′l-att ta bejgh anke ghal dak li jirrigward l-ismha tal-konvenuti u ghal dan il-ghan tinnomina lin-Nutar Dr Maria Vella Magro u tordna li l-att opportun ghandu jigi ppubblikat fl-edifiċju tal-Qorti nhar il-Ġimgha 23 ta′ Frar 2024 fil-ħdax ta′ filgħodu (11.00 a.m.);

3. Tinnomina lill-Avukat Dr. Deborah Camilleri bħala kuratur deputat għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att,

4. Tawtorizza lin-Nutar Dr. Maria Vella Magro tippreleva mill-prezz rikavat, l-ispejjeż u drittijiet talvolta dovuti mill-bejjiegħa in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ inkluż id-drittijiet dovuti lill-kuratur għall-kontumaċi nominat aktar qabel;

5. Tordna li fl-eventwalità li l-konvenuti jew uħud minnhom jonqsu milli jidhru għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ l-ammont spettanti lilhom, wara t-tnaqqis fuq imsemmi, jiġi mgħoddi mix-xerrej lil Dr Deborah Camilleri kuratur deputat għall-kontumaċi bl-obbligu li din tiddepożita l-istess taħt l-awtorità tal-Qorti fi żmien ġimgħa mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgħ.

Bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet b'dan illi l-ispejjeż u drittijiet tal-kuratur deputat għall-kontumaċja jitħallsu direttament mir-rikavat tal-bejgħ hawn awtorizzat qabel ma jiġi diviż bejn il-partijiet skond kif hawn deċiż.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**

**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**